GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
ID-DIRETTORAT GĦAS-SNIN BIKRIN, LINGWI U STUDJI UMANISTIĊI

# ĊIRKULARI

**Data:** 8 ta' Jannar 2024 **Ref:** DELH 001/2024

**Lis-:** Segretarju Permanenti, Diretturi Ġenerali, Diretturi, CIO, Kapijiet tan-Netwerk tal-Kulleġġi, Uffiċjali Edukattivi, Kapijiet tal-Iskejjel Primarji tal-Istat, Knisja u Indipendenti, Kapijiet tal-Entitajiet

**Mingħand:** David Muscat, Kap Eżekuttiv, L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu

**Suġġett:** **'Bil-Qari u l-Kitba nsib Spazju għal Qalbi' - 'Karta ma' Ħajt li Tiġbed l-Għajn'**

---

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu bi sħab ma' Spiritual Development in Schools, se torganizza r-raba' sessjoni tal-programm ġdid ta' qari animat, kitba u riflessjoni kreattiva jismu 'Bil-Qari u l-Kitba nsib Spazju għal Qalbi' għal tfal ta' bejn 8 u 10 snin u l-familja/kustodji tagħhom.

Dawn is-sessjonijiet ta' qari animat bil-Malti u bl-Ingliż mill-ktieb 'Spazju għal Qalbi - Beloved Space' tal-awtriċi Silvana Cardona, qed isiru f'diversi lokalitajiet ta' Malta u Għawdex. Is-sessjonijiet iservu ta' opportunità biex it-tfal jitħarrġu fil-qari, il-kitba kreattiva u attivitajiet immaġinattivi u riflessivi ta' talb. Waqt kull sessjoni, it-tfal ser jingħataw riżorsi bil-Malti u l-Ingliż biex jesprimu ruħhom.

Ir-raba' storja bl-isem 'Karta ma' Ħajt li Tiġbed l-Għajn' ser tiġi organizzata **nhar il-Ġimgħa, 19 ta' Jannar 2024** fl-Aġenzija Żgħażagħ, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera, SVR1013.

| | |
|---|---|
| Post tal-attività: | L-Aġenzija Żgħażagħ,<br>Triq il-Kbira San Ġużepp,<br>Santa Venera, SVR1013<br>https://maps.app.goo.gl/WSF2cXJrhFEyWB2Q7 |
| Data: | **Il-Ġimgħa, 19 ta' Jannar 2024** |
| Ħin: | 4.15 pm reġistrazzjoni<br>4.30 pm - 6.00 pm attività |
| Attivitajiet matul is-sessjoni: | Qari animat<br>Kitba kreattiva<br>Riflessjoni b'mod kreattiv<br>Espressjoni artistika<br>għat-tfal ta' bejn 8 u 10 snin u l-familji tagħhom |

Kull min hu interessat jista' jirriserva post billi japplika sa nhar **it-Tnejn, 15 ta' Jannar, 2024** billi jimla din l-appplikazzjoni - https://forms.office.com/e/qUHeFck38Y; jew jibgħat ittra elettronika lil mwp.nla@ilearn.edu.mt; jew iċempel 2598 3326; jew jibgħat ittra bil-posta f'dan l-indirizz: Spazju għal Qalbi, L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, Iċ-Ċentru Nazzjonali tal-Kurrikulu, Triq Ġużè Abela Scolaro, il-Ħamrun, HMR 1304.

Jekk ikun hemm wisq applikanti, jintgħażlu dawk li jkunu applikaw l-ewwel.

Min ikun jixtieq aktar tagħrif jista' jċempel 2598 3326 jew jibgħat ittra elettronika lil mwp.nla@ilearn.edu.mt

Il-ġenituri/kustodji li japplikaw iridu iħallsu depożitu ta' €10 għal kull tifel jew tifla sat-**Tnejn, 15 ta' Jannar 2024** lill-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu b'wieħed minn dawn il-modi:

• billi jiġu jħallsu fl-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, Iċ-Ċentru Nazzjonali tal-Kurrikulu, Triq Ġużè Abela Scolaro, il-Ħamrun, HMR 1304, il-ħinijiet tal-ftuħ: mit-Tnejn sal-Ġimgħa mis-07:30 sal-16:30;

• billi jibagħtu flus kontanti bil-posta f'dan l-indirizz: Spazju għal Qalbi, L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, Iċ-Ċentru Nazzjonali tal-Kurrikulu, Triq Ġużè Abela Scolaro, il-Ħamrun, HMR 1304;

• bi trasferiment bankarju indirizzat lil 'National Literacy Agency' fil-kont tal-bank bl-IBAN: MT54VALL22013000000040023748325.

Id-depożitu jingħata lura biss jekk il-familja tattendi l-attività.

Jekk ikun hemm wisq applikanti, jintgħażlu dawk li jkunu applikaw l-ewwel.

Min ikun jixtieq aktar tagħrif jista' jċempel 2598 3326 jew jibgħat ittra elettronika lil mwp.nla@ilearn.edu.mt

Grazzi tal-attenzjoni,

**Sandra Ebejer**
**Direttriċi**
**Snin Bikrin, Lingwi u Studji Umanistiċi**
**MEYR**